MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta ta' 06 ta' Novembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 176/2002

Il-Pulizija
(Spettur P. Camilleri)
Vs
Anthony Bonavia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja talli ;

a) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-kamera tar-ritratti u l-lenti taghha tal-marka "Nikon" ghad-dannu ta' Martin Kirchner ta' nazzjonalita' Germaniza, liema hsara hija ta' aktar minn LM500 (hames mitt lira Maltin) u dan bi ksur tal-artikolu 325 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) hebb ghall-imsemmi Martin Kirchner sabiex jinsulentah, iwegghu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-art. 339 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) u aktar talli Anthony Bonavia saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAT 552 tal-marka Regata ta' kulur griz kontra sinjal tat-traffiku f'dik il-lokalita' u dan bi ksur tal-Avviz Legali No. 94/96;
e) u b'hekk talli Twanny Bonavia sar recidiv b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 t'April 1993, u fil-31 ta' Mejju 1994.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju, 2002, li biha wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325 (a), 338 (dd), 339 (d), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali numru 74/96, sabet lill-imputat hati tal-ewwel, t-tieni w t-tielet akkuza u kkundannatu ghal erbatax (14) il-xahar habs filwaqt li iddikjarat li ma sabitux hati tar-raba w l-hames akkuza u lliberatu minn dawn z-zewg akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant ipprezentat minn Dr. Carmelo Mifsud Bonnici fid-29 ta' Lulju, 2002, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza, billi fil-waqt li tikkonferma l-akkuzi li minnhom huwa gie liberat u cioe' r-raba u l-hames akkuza tilliberah minn kull htija w piena fuq l-akkuzi l-ohra u cioe' l-ewwel, t-tieni, w t-tielet fejn sabitu hati.

Rat ir-rikors ipprezentat fit-30 ta' Lulju, 2002 minn Dr. Joseph Brincat ghan-nom tal-istess appellant u mill-istess sentenza

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 t'Ottubru, 2002, li bih l-Avukat Dottor Joseph Brincat iddikjara li ghalkemm hu kien jidher ghall-appellant fil-Prim' Istanza, ma ghandu ebda oggezzjoni li l-appell intavolat minn Dr. Carmelo Mifsud Bonnici jipprevali w dana fuq il-principju tal-"primus in tempore potior in iure" . Konsegwentement stante l-validita' tal-appell ipprezentat minn Dr. Carmelo Mifsud Bonnici , talab li l-appell ipprezentat minnu jigi sfilzat ;

Rat in-Nota ta’ Dr. Joseph Brincat li biha l-appellant , prezenti w konsenzjenti , rtira l-appell tieghu ;

Rat id-Digriet Taghha moghti fl-istess seduta li bih, wara li rat in-nota ta’ cessjoni prezentata minn Dr. Brincat , ordnat l-isfilz tal-appell ipprezentat minnu.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni w tad-difiza ;

Rat illi l-aggravji tal-appellant kontenuti fir-rikors tal-appell ipprezentat ghan-nom tieghu minn Dr. Carmelo Mifsud Bonnici , jikkonsistu fil-qosor fis-segwenti u cioe’ :- a. li fl-ewwel lok u in linea preliminari l-Ewwel Qorti ma tatx lill-appellant il-fakulta’ li jaghmel id-difiza tieghu u mill-atti jirrizulta li appena xehed l-appellant li ma kienx assistit minn konsulent legali f’dak il-mument , il-kawza thalliet ghas-sentenza; ghalhekk hu ma kellux l-opportunita’ li kellha l-Prosekuzzjoni li tittratta w li jipproduci ix-xiehda li ried; b. li l-Ewwel Qorti ddecidiet fuq il-kredibilita’ tieghu fuq il-bazi tal-fedina penali tieghu w dana kontra l-insenjament tal-guristi w l-ligi nostrana li jippermettu referenza ghall-karattru jekk l-imputat jkun gab in difeza il-karattru tal-parti l-ohra; li l-Qorti ma dahlitx fil-kwistjoni tal-fedina penali fir-rigward tal-piena imma in kwantu kwistjoni ta’ prova ; u c. li l-Ewwel Qorti ma tatx il-beneficcju tad-dubju lill-appellant meta kien hemm xiehda konfliggenti ;

Illi dwar l-ewwel aggravju dan jidher manifestament infondat bhala fatt ghax jekk wiehed jara l-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Lulju, 2002 (Fol-52 tal-process) jidher ovvju li l-appellant kien assistit minn Dr. Joseph Brincat u wara li xehed l-appellant , u wara li ix-xhud John Vella ddikjara li ma riedx jixhed f‘dawn il-proceduri - kif kellu kull dritt li jaghmel - peress li l-kawza tieghu kienet ghadha ma gietx deciza , il-Qorti umbaghad halliet il-kawza ghas-sentenza . Mela kuntrarjament ghal dak li hemm fir-rikors tal-appell , l-appellant in effetti kien assistit minn difensur meta l-kawza marret ghas-sentenza. Inoltre ma hemm verbalizzata ebda talba biex l-appellant ikun jista’ jipproduci xi xiehda jew provi ohra u xi cahda ta’ dan da parti tal-Ewwel Qorti. Inoltre minkejja li l-kawza thalliet

ghas-sentenza ghat-18 ta’ Lulju, 2002, ossia gimgha wara, lanqas ma jidher li sar xi rikors ghall-biex l-appellant ikun jista’ jiproduci xi xiehda jew prova ultejuri f’dan l-intervall. Hu veru li meta ssejhet il-kawza fit-18 ta’ Lulju, 2002 , l-appellant ma kienx assistit , pero’ dan ma jgib ebda nullita’ fil-proceduri ghax biex tinghata s-sentenza ma hemmx il-bzonn li l-avukat ikun prezenti ghalkemm ikun ahjar li jkun hekk . Imma dan mhux dejjem possibbli ghax l-Avukat jista’ jkun impenjat f’ xi Qorti ohra. Umbaghad mhux il-kaz li , biex tinghata sentenza biss ,il-Qorti trid bil-fors ikollha l-avukat prezenti, ghax dan jista’ fi xi kazi anki jaghti lok ghall-abbuz u dilungar tattiku zejjed da parti tad-difiza.

Illi dwar it-tieni aggravju , anki dan hu nfondat u skorrett ghax l-Ewwel Qorti ma qiesetx il-fedina penali tal-appellant biex tasal ghall-konkluzzjoni tal-htija tal-appellant kif allegat fir-rikors tal-appell. Di fatti minn ezami akkurat tas-sentenza appellata , jidher li l-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni tal-htija w li toqghod fuq il-versjoni tal-vittma fit-tielet paragrafu li hemm fil-pagna 60 tal-process u ghamlet biss riferenza ghall-fedina penali tal-appellant biss aktar ’l isfel fis-sentenza appellata u cioe’ fit-tielet paragrafu tal-pagna sussegwenti (a fol. 61 tal-process) . Ghalhekk dan l-aggravju w kull argument korrollarju li l-appellantipprova johrog minnu mhux bazat fuq il-fatt u ghalhekk qed jigi respint.

Fl-ahharnett dwar it-tielet aggravju li l-Ewwel Qorti messha tat-il-beneficcju tad-dubju lill-appellant f’ sitwazzjoni ta’ konflitt fil-provi bejn dak li xehed l-appellant u dak li xehed il-vittma Martin Kirchner , gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti li hi ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li jkunu traskritti sakemm ma jkunx jidhrilha, minn ezami approfondit tal-provi, li l-konluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti tkun wahda irragonevoli u wahda “unsafe and unsatisfactory” . Din il-Qorti ukoll ghamlet dan l-ezami approfondit tal-provi w ma issib xejn “unsafe and unsatisfactory” fil-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti , ghax din kellha kull dritt li ,fuq il-provi li rrizultaw ,tkun moralment konvinta li l-versjoni li ta quddiemha

Martin Kirchner kienet ferm aktar attendibbli minn dik li ta l-appellant u din il-Qorti ma ghandix ghalfejn tissostitwixxi l-apprezzament taghha ghal dik tal-Ewwel Qorti . Wara kollox, kif jiddisponi l-artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt , hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xiehda jew aktar u dan hu bizzejjed biex tigi pruvata l-htija ta' persuna akkuzata b'reat u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni ulterjuri minn provi diretti jew indiretti , kif hu sottomess fir-rikors tal-appell.

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti fir-rikors tal-appell u ladarba din hija indubbjament entro il-parametri tal-ligi,anzi addirittura tirrazenta l-minimu preskritt mill-ligi fic-cirkostanzi, tenut kont tal-konkors tar-reati li taghhom instab hati l-appellant u anki tenut kont tal-fedina penali mill-aktar refrattarja tal-appellant , ma jidhirx li hemm lok ghal xi temperament fil-piena .

Ghaldaqstant l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

(ft)Joseph G. Galea Debono
6.11.02.

Paul Miruzzi
Assistent Registratur